# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Mejju 2018**

**Numru 1**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 31/2012/1 AF**

**Christopher Cassar**

***v.***

**Onorevoli Prim'Ministru, Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali**

1. Dawn huma żewġ appelli, wieħed tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-ieħor tal-attur, minn żewġ sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali: waħda fid-9 ta' April 2014 li (i) ħelset lill-Prim'Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju u (ii) ċaħdet eċċezzjoni tal-konvenuti illi l-attur messu nqeda b'rimedji taħt il-liġi oridinarja; u l-oħra tat-22 ta' Frar 2017 li (iii) sabet ksur tal-jedd tal-attur għal smigħ xieraq taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea

għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (il-Konvenzjoni") meta ma kienx mgħarraf b'nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni kif kienet ordnat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali; (iv) sabet illi ma nkisirx il-jedd tal-attur għal smigħ xieraq minħabba l-applikazzjoni tal-art. 30A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi ["Kap. 101][1] u illi l-art. 30A tal-Kap. 101 ma jksirx id-dritt tal-attur għal smigħ xieraq. Bħala rimedju fejn sabet ksur tad-dritt tal-attur, l-ewwel qorti ħassret is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) *v.* Christopher Cassar</u> tad-19 ta' Ġunju 2007 u bagħtet l-atti tal-kawża lura quddiem dik il-qorti sabiex il-kawża tinstema' mill-ġdid mill-istadju wara l-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tat-8 ta' Mejju 2006.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn: l-attur kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Awissu 2004 mixli b'diversi imputazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-traffikar u l-pussess tad-droga.

3. B'sentenza mogħtija fid-19 ta' Ġunju 2007 il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabitu ħati ta' wħud mix-xiljiet magħmula kontrieh u kkundannatu għal piena ta' priġunerija u multa, u irrendiet ukoll operattiva sentenza sospiża mogħtija kontrieh fid-19 ta' Jannar 2001.

[1] L-art. 30A tal-Kap. 101 igħid illi fi proċeduri taħt dik l-Ordinanza dikjarazzjoni konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat tista' tinġieb b'xiehda kontra min jagħmilha.

4. L-attur appella mis-sentenza u dan l-appell għadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

5. Qabel ma tat is-sentenza l-Qorti tal-Maġistrati kienet tat fakoltà lill-prosekuzzjoni tagħmel nota ta' sottomissjonijiet sad-9 ta' Mejju 2006 "bil-*visto* tal-kontroparti li jkollha sal-15 ta' Mejju 2006 sabiex tippreżenta nota tagħha". Din in-nota ġiet preżentata mill-prosekuzzjoni iżda ma ġietx notifikata lill-attur, li jgħid illi sar jaf biha wara li ngħatat is-sentenza, waqt li kien qiegħed iħejji għall-appell. Billi jgħid illi n-nuqqas ta' notifika lilu tan-nota jikser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, u jgħid ukoll li l-mod kif il-qorti waslet għas-sejbien ta' ħtija tiegħu bl-applikazzjoni tal-art. 30A tal-Kap. 101 ukoll jiksirlu l-jedd għal smigħ xieraq, l-attur fetaħ il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »(1) tiddikjara li n-nuqqas ta' notifika jew komunika lid-difiża tan-nota ta' sottomissjonijiet finali ippreżentata mill-prosekuzzjoni illediet id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq u proċess ġust, in kwantu d-difiża ma kellhiex l-opportunità li tirribatti s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni;
>
> »(2) tiddikjara li l-mod kif l-ewwel onorabbli qorti waslet għas-sejbien ta' ħtija bl-applikazzjoni tal-artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jilledi d-dritt tar-rikorrent;
>
> »(3) tiddikjara illi l-artikolu 30A tal-Kap. 101 jilledi d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent, liema drittijiet jinsabu iggarantiti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).«

6. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

> »(1) illi, *in linea preliminari*, l-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali ma humiex il-leġittimi kontradittùri f'din l-azzjoni *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap 12 u għaldaqstant għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;
>
> »(2) illi, *in linea preliminari* wkoll, it-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur għandhom jiġu miċħuda *stante* li r-rikorrent għażel li ma jużufruwixxix ruħu mir-rimedju ordinarju li jikkonsisti f'proċeduri identiċi u issa li s-sentenza hija *res judicata* ma jistax iwaħħal fil-Pulizija Eżekuttiva. Għal dan il-għan, l-esponenti jitolbu li jiġu allegati l-atti tar-rikors numru 51/07 (FS) li ġie ikkanċellat *stante* li r-rikorrent naqas milli jottempera ruħu mal-provvedimenti tal-Kap 12. *Inoltre*, ir-rikorrent ma esawrixxix

ir-rimedji ordinarji anke fil-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent *stante* li huma pendenti fl-appell u dan jidher li hu tentattiv ieħor sabiex ittawwal l-istess proċeduri kriminali. Għalhekk, din l-onorabbli qorti għandha tiddeklina milli tkompli tieħu konjizzjoni ta' dan ir-rikors;

»(3) illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-esponenti intimati jopponu t-talbiet kif avvanzati fir-rikors promotur u jirrilevaw li ċ-ċirkostanzi kif dedotti fl-istess rikors ma jippreżentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent billi l-pretensjonijiet tiegħu huma infondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti motivi:

»(i) illi r-rikorrent qed jintavola l-azzjoni odjerna a bażi tal-fatt li l-prosekuzzjoni ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet mingħajr il-*visto* tad-difiża meta effettivament ma hemmx dubju li l-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet ingħaddiet minn PC 554 George Żammit lid-difiża;

»(ii) illi fi kwalunkwe każ, jirriżulta mill-proċess kriminali li l-imsemmija nota tal-prosekuzzjoni ġiet intavolata fit-8 ta' Mejju 2006, filwaqt li s-sentenza ingħatat fid-19 ta' Ġunju 2007 u *cioè* aktar minn sena wara li ġiet ippreżentata u għalhekk id-difiża kellha żmien biżżejjed sabiex tagħmel il-verifiki neċessarji u tieħu konjizzjoni tagħha kieku verament kellha xi dubju;

»(iii) illi għandu jingħad ukoll li jirriżulta li l-partijiet anke ngħataw l-opportunità li jittrattaw il-posizzjoni tagħhom quddiem l-ewwel qorti fil-proċeduri kriminali u dan il-fatt ukoll ġie reġistrat fl-istess sentenza datata 19 ta' Ġunju 2007;

»(iv) illi *dato ma non concesso* li n-nota ma ingħatatx lid-difiża (ħaġa li qed tiġi kontestata) ir-rikorrent seta' faċilment jitlob lil dik il-qorti sabiex tordna l-isfilz tagħha, ħaġa li għar-raġunijiet tiegħu r-rikorrent għażel li ma jagħmilx;

»(v) illi fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent għażel li lanqas jottempera ruħu mal-artikolu 199(3) tal-Kap. 12 wara li naqas milli juri interess fl-istess rikors kostituzzjonali li intavola, apparti li naqas milli jintavola l-proċedura apposita fi żmien għaxart ijiem minn meta l-onorabbli qorti ordnat it-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista;

»(vi) illi fir-rigward tat-tieni u t-tielet talbiet kif dedotti fir-rikors in risposta, l-esponenti jirribattu li lanqas ma hemm ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea *stante* li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ix-xhieda li xehdu ma kinux kompliċi, apparti l-fatt li d-difiża kellha kull opportunità li tagħmel il-kontro-eżami tal-istess kif fil-fatt seħħ. Għalhekk, ċertament ma jistax jingħad li d-difiża ma kellhiex smigħ xieraq;

»(vii) illi għalhekk għar-raġunijiet fuq esposti, a kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat, ir-rikorrent wara li għażel li ma jottemperax ruħu mar-rimedji provduti fil-liġi, permezz tar-rikors promotur in risposta qed jattakka lill-esponenti minħabba n-nuqqasijiet ripetuti tiegħu stess. Minflok ir-rikorrent għażel li jintavola r-rikors odjern identiku li jidher li huwa intiż unikament sabiex ittawwal il-proċeduri kriminali, ir-rikorrent imissu ottempera ruħu mal-provvedimenti tal-Kap 12.«

7. B'sentenza tad-9 ta' April 2014 l-ewwel qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti (dwar rimedju ordinarju) u ħelset lill-Prim'Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju.

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha tad-9 ta' April 2014, safejn relevanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Rimedju Ordinarju
>
> »L-intimati jeċċepixxu … li r-rikorrent għażel li ma jagħmilx użu tar-rimedji ordinarji. … [I]r-rikorrenti kien beda proċeduri kostituzzjonali permezz tar-rikors 51/07, liema kawża ġiet kanċellata. L-intimati jsostnu li hu messu talab ir-riappuntament tagħha. Din il-qorti tinnota illi, minn qari akkurat tal-atti tal-proċeduri 51/07, jirriżulta … illi fil-verbal tagħha tas-17 ta' Ottubru 2011 il-qorti għamlitha ċara illi fil-5 ta' Diċembru 2011 il-kawża kellha tibqa' differita għas-sentenza. F'dak il-mument jirriżulta li r-rikorrenti kien diġà ottempera ruħu mal-obbligu tiegħu assunt preċedentement li jressaq sottomissjonijiet bil-miktub. In-nota kienet ilha ppreżentata mit-8 ta' Ġunju 2011.
>
> »Din il-qorti tqis li għalkemm huwa u d-difensur tiegħu naqsu meta ma kinux preżenti fid-differiment tal-5 ta' Diċembru 2011, il-qorti kienet marbuta bl-impenn mogħti minnha li f'dik id-data l-kawża titħalla għas-sentenza. Id-difensur kellu, f'dak il-mument, moħħu mistrieħ li d-dover tiegħu kien qdieh. Għaldaqstant ma jistax jiġi issa penalizzat għaliex ma talabx ir-riappuntament fiż-żmien opportun, meta hu dejjem kien taħt l-impressjoni li l-kawża tħalliet għas-sentenza. It-terminu ta' għaxart ijiem stipulat fl-art. 199(3) tal-Kap. 12 huwa perjodu qasir ferm u din il-qorti ma tarax li fiċ-ċirkostanzi r-rikorrenti naqas meta ma laħaqx induna li l-kawża kienet ikkanċellata.
>
> »L-intimati jsostnu ukoll illi r-rikorrenti naqas milli jużufruwixxi r-rimedji ordinarji fil-proċeduri kriminali. Din il-qorti ma tistax tifhem kif qatt tista' tiġi milqugħa din l-eċċezzjoni meta kienet il-Qorti tal-Appell Kriminali stess li ddiriġietu jressaq il-lanjanzi ta' natura kostituzzjonali tiegħu fi proċeduri apposta, meta testwalment qalet hekk:
>
>> »"Il-qorti b'riferenza għat-tieni aggravju li huwa wieħed strettament ta' natura kostituzzjonali u tad-drittijiet umani takkorda ġimgħa żmien millum lir-rikorrent appellant biex jintavola r-rikors kostituzz-jonali opportun quddiem il-qorti kompetenti, li kopja tiegħu għand-ha tiġi ppreżentata fir-reġistru ta' din il-qorti mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2007."«

9. L-ispejjeż ġew "riżervati għall-ġudizzju finali".

10. Imbagħad fis-sentenza fit-22 ta’ Frar 2017 l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »1. Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrent billi tiddikjara li n-nuqqas ta’ notifika jew komunika lid-difiża tan-nota ta’ sottomissjonijiet finali ppreżentata mill-prosekuzzjoni fl-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) *v.* Christopher Cassar illeda d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq u proċess ġust in kwantu li d-difiża ma kellhiex l-opportunità li tirribatti s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni.
>
> »Bħala rimedju din il-qorti qiegħda tiddikjara nulla u mingħajr effett is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) *v.* Christopher Cassar tad-19 ta’ Ġunju 2007 u tirrinvija l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża terġa’ tiġi deċiża mill-ġdid mill-istadju wara l-preżentata tan-nota ta’ sotto-missjonijiet tat-8 ta’ Mejju 2006 b’dan illi jekk fl-ewwel appuntament li jerġa jiġi ffissat mill-Qorti tal-Maġistrati ma jidhirx l-imputat jew l-avukat difensur tiegħu, il-qorti ma tkunx qiegħda tonqos jekk tgħaddi għas-sentenza jew dak inhar stess jew fl-ewwel differiment wara dak l-ewwel appuntament.
>
> »Il-qorti qiegħda tordna wkoll illi kopja ta’ din is-sentenza tiġi nserita fl-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) *v.* Christopher Cassar.
>
> »2. Tiċħad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent.
>
> »Spejjeż tal-kawża jitħallsu kwantu għal nofs mir-rikorrent u nofs mill-intimati.«

11. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni, safejn relevanti għall-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Ikkunsidrat illi permezz ta’ din l-azzjoni r-rikorrent qiegħed jitlob lill-qorti ssib illi ġie vjolat id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Dan peress illi fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu l-prosekuzzjoni naqset milli tinnotifika lilu jew lill-avukat difensur tiegħu b’kopja tan-nota ta’ sottomissjonijiet finali li ġiet ippreżentata minnha fl-imsemmija proċeduri kriminali...
>
> »… … …
>
> »L-ewwel ilment tar-rikorrent huwa li ġie leż id-dritt fondamentali tiegħu għal smigħ xieraq in kwantu li n-nota ta’ sottomissjonijiet li ġiet ippreżentata mill-prosekuzzjoni fil-mori tal-proċeduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ma ġietx notifikata lilu jew lill-avukat difensur tiegħu u dan minkejja li fl-udjenza tal-5 ta’ Mejju 2006 il-Qorti tal-Maġistrati ordnat illi:
>
> > »“Sabiex din il-kawża ma tibqax aktar inċjampata l-qorti qiegħda tħalli din il-kawża għas-sentenza u dan bil-fakultà illi l-uffiċċjal

prosekutur jesebixxi nota ta' sottomissjonijiet sad-9 ta' Mejju 2006 bil-*visto* tal-kontro parti li jkollha sal-15 ta' Mejju 2006 sabiex tippreżenta nota tagħha."

»L-avukat difensur tal-imputat (illum rikorrent) kien konsapevoli ta' dan il-verbal in kwantu li l-qorti għamlet komunika lilu u fil-fatt ta l-*visto* tiegħu għall-istess verbal. L-imputat kien preżenti għal din is-seduta u allura huwa wkoll kien jaf illi għandha tiġi ppreżentata din in-nota.

»Jirriżulta mill-provi li l-uffiċċjal prosekutur l-Ispettur Dennis Theuma ppreżenta n-nota tiegħu fir-reġistru tal-qorti fit-8 ta' Mejju 2006. L-Ispettur Dennis Theuma jispjega li huwa ħalla kopja ta' din in-nota ma' PC 554 George Zammit li dak iż-żmien kien stazzjonat fil-binja tal-qorti. PC Zammit da parti tiegħu kkonferma li huwa jiftakar li l-Ispettur Dennis Theuma kien għaddilu *envelope* kannella u għamillu premura sabiex jgħaddih lil Dottor Tonio Azzopardi, l-avukat difensur tar-rikorrent. Huwa jkompli billi jgħid illi jiftakar li kien għadda dan id-dokument lill-Avukat Azzopardi. Dottor Azzopardi jiċħad li qatt irċieva kopja ta' din in-nota u jinsisti li huwa sar jaf li ġiet ippreżentata nota ta' sottomissjonijiet mill-prosekuzzjoni biss meta ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati. Ir-rikorrent xehed ukoll quddiem din il-qorti f'dawn il-proċeduri sabiex jikkonferma li l-prosekuzzjoni ma kienet għaddietlu l-ebda kopja ta' din in-nota.

»Il-qorti tibda billi tirrileva li l-ordni ta' kwalunkwe qorti sabiex att ġudizzjarju bħal ma hija nota ta' sottomissjonijiet għandha tiġi notifikata bil-*visto* tal-kontro-parti għandha tiġi rispettata u fuq kollox din l-ordni tingħata għal raġuni, u *cioè* proprju sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn il-partijiet ma jaqblux jekk il-kopja tal-att ikunx wasal f'idejn il-kontro-parti jew le.

»Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u fin-nuqqas ta' prova fil-forma ta' notifika uffiċjali jew *visto* tal-avukat difensur tar-rikorrent, il-qorti ssibha diffiċli biex taċċetta bħala veru għax ipprovata l-verżjoni tal-intimati li din in-nota ta' sottomissjonijiet żgur wasslet f'idejn l-avukat difensur mal-imputat, illum rikorrent. Dan għaliex qatt ma seta' jiġi aċċertat illi d-dokument li PC George Zammit għadda lill-Avukat Azzopardi kienet proprju kopja tan-nota ta' sottomissjonijiet in kwistjoni. PC Zammit stess jgħid illi l-ispetturi tal-pulizija kienu sikwiet igħaddulu doumenti sabiex igħaddihom lill-avukati li kien jara regolarment. In kontro-eżami PC Zammit jikkonferma li ma kienx jaf x'fih l-*envelope* in kwistjoni u lanqas seta' jiftakar jekk l-Ispettur Theuma kienx għaddilu atti oħra għall-Avukat Azzopardi. Il-qorti tifhem li huwa diffiċli għal PC Zammit li jiftakar kull att li qatt għadda lill-avukati tenut kont illi din kienet prassi regolari tal-prosekuzzjoni kif ukoll tenut kont tat-trapass taż-żmien.

»Kien jispetta lill-prosekuzzjoni li ssegwi l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati u *cioè* tieħu ħsieb li tingħata l-*visto* mingħand il-kontro parti kif jiġu ppreżentati dawn is-sottomissjonijiet. L-ispettur seta' ħa ħsieb ukoll illi fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti tal-Maġistrati wara li ġiet ippre-żentata n-nota in kwistjoni jiġi vverbalizzat li din in-nota ġiet ippre-żentata mill-prosekuzzjoni sabiex dan il-fatt jiġieb a konjizzjoni tal-imputat, illum rikorrent, jew avukat tiegħu. Iżda l-prosekuzzjoni ma għamlet xejn minn dan u allura din il-qorti ma tistax tkun konvinta mqar fuq bażi ta' probabbiltà li r-rikorrent jew l-avukat difensur tiegħu kienu konsapevoli li ġiet ippreżentata din in-nota ta' sottomissjonijiet mill-prosekuzzjoni.

»Fis-sottomissjonijiet tiegħu r-rikorrent jgħid illi mill-perspettiva tal-prinċipju tal-*equality of arms* huwa ma ngħatax il-benefiċċju ta' *an adversarial procedure* minħabba l-fatt li ma ġiex notifikat b'din in-nota ta' sottomissjonijiet.

»… … …

»L-intimati jsostnu li in kwantu li d-difiża kienet taf li l-prosekuzzjoni ngħatat il-fakoltà li tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, liema nota ġiet ippreżentata *entro* t-terminu mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati, seta' faċilment jiġi vverifikat jekk din in-nota ġietx ippreżentata jew le u dan speċjalment meta wieħed iqis li s-sentenza ngħatat mill-Qorti tal-Maġistrati fid-19 ta' Ġunju 2007 u *cioè* 'l fuq minn sena wara li ġiet ippreżentata n-nota ta' sottomissjonijiet in kwistjoni mill-prosekuzzjoni. Fil-waqt illi l-qorti tapprezza li huwa minnu li l-avukat difensur tar-rikorrent seta' jivverifika jekk ġietx ippreżentata din in-nota, mill-perspettiva tal-prinċipju ta' *equality of arms,* il-qorti taqbel mar-rikorrent li ladarba n-nota ta' sottomissjonijiet in kwistjoni baqgħet ma nġibitx a konjizzjoni tad-difiża kif ordnat mill-qorti, f'dan il-każ ġie leż id-dritt tar-rikorrent qua imputat għal smigħ xieraq.

»… … …

»Għaldaqstant, l-ewwel talba tar-rikorrent ser tiġi milqugħa.«

12. L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw minn dawn is-sentenzi b'rikors tal-14 ta' Marzu 2017 li għalih l-attur wieġeb fit-20 ta' Marzu 2017. L-attur ressaq ukoll appell inċidentali li għalih il-konvenuti wieġbu fit-3 ta' April 2017.

13. Nibdew bl-aggravju tal-konvenuti appellanti dwar is-sentenza tad-9 ta' April 2014 li ċaħdet l-eċċezzjoni tagħhom dwar rimedji ordinarji. Igħidu hekk dwar ir-rimedji li kellu l-attur taħt il-liġi ordinarja:

»… … … Illi fiċ-ċirkostanzi odjerni fl-umli fehma tal-esponenti l-lanjanzi odjerni setgħu jiġu indirizzati billi r-rikorrent utilizza r-rimedji ordinarji disponibbli għalih konsistenti fil-proċedura quddiem il-qrati ċivili ordinarji kontemplata fl-artikolu 199(3) tal-Kap. 12; apparti li l-proċeduri kriminali għadhom pendenti fl-istadju tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li *del resto* għandha l-ġurisdizzjoni esklussiva li tiddeċiedi dwar il-materja in kwistjoni;

14. L-ewwel rimedju msemmi mill-konvenuti huwa dak taħt l-art. 199(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-art. 199 jgħid hekk:

»**199.** (1) Jekk, wara li kawża tissejjaħ tliet darbiet, il-parti l-waħda u l-oħra jew l-avukati tagħhom … ma jidhrux, il-qorti tista' tordna t-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista, bi spejjeż tal-attur.

»(2) Kemm-il darba jidher biss il-konvenut jew l-avukat … tiegħu, kif jagħti l-każ, hu jista' jitlob li jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż.

»(3) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, jekk l-attur ikun irid li, fuq l-istess atti, il-kawża tiġi mill-ġdid mqiegħda fuq il-lista, mismugħa u maqtugħa, għandu, b'rikors, li għandu jiġi ppreżentat fiż-żmien ta' għaxart ijiem, jagħmel talba għaldaqshekk. Din it-talba għandha tintlaqa' għal darba waħda biss, u l-qorti għandha tappunta ġurnata għas-smigħ tal-kawża bi spejjeż tal-attur, b'dan illi l-attur għandu jħallas, jew jiddepożita fir-reġistru tal-qorti qabel il-jum stabbilit għas-smigħ tal-kawża, l-ispejjeż kollha stabbiliti fit-tariffa, u li joħorġu mill-fatt li l-attur naqas li jidher, jew li l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu naqsu li jidhru, skont il-każ.«

15. Biex jiftehem aħjar dan l-aggravju għandu jingħad illi l-attur kien fetaħ proċeduri kostituzzjonali dwar l-istess fatti tal-każ tallum b'rikors tat-2 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet <u>Christopher Cassar *v.* Kummissarju tal-Pulizija *et*</u> (rikors kostituzzjonali numru 51/2007). B'dikriet tal-5 ta' Diċembru 2011 taħt l-art. 199(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-qorti kienet ordnat it-tħassir ta' dik il-kawża minn fuq il-lista. Flok talab illi l-kawża titqiegħed mill-ġdid fuq il-lista l-attur fetaħ il-kawża tallum, dwar l-istess fatti u bl-istess talbiet. Il-konvenuti qegħdin igħidu illi kien imissu, minflok, inqeda bir-rimedju taħt l-art. 199(3).

16. Ir-rimedju taħt l-art. 199(3) kien jagħti lill-attur rimedju għat-tħassir tal-kawża minn fuq il-lista mhux għall-ilment tiegħu li dwaru saret il-kawża tallum. Li kieku talab dak ir-rimedju u ngħatalu, il-proċeduri xorta kienu jkunu ta' natura kostituzzjonali bħal ma hija l-kawża tallum. Għalhekk ma jistax jitqies li n-nuqqas tal-attur li jinqeda bl-art. 199(3) għandu

jżommu milli jiftaħ il-kawża tallum sakemm għadu jista' jagħmel hekk taħt l-art. 2132 tal-Kodiċi Ċivili.

17. It-tieni rimedju ordinarju msemmi mill-konvenuti huwa l-fatt illi għadu qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali l-appell tal-attur mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Dwar dan, l-attur wieġeb hekk:

> »Fir-rigward ta' l-appell kriminali li kien għadu pendenti: L-appellanti għadhom ma jridux jaċċettaw il-fatt illi l-onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali għal darbtejn – darba mill-Imħallef Emeritus Joseph Galea Debono u darba mill-Onorevoli Mħallef David Scicluna – iddeċidiet li tagħmel riferenza kostituzzjonali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet tagħżel li tiddeċiedi l-kwistjoni hija stess, iżda ma għamlitx hekk. Id-deċiżjoni tagħha, sostnuta minn żewġ Imħallfin fi żminijiet differenti, li tordna riferenza kostituzzjonali, trid tiġi rispettata. Huwa ovvju li dik l-onorabbli qorti ħasset li din kienet materja ta' drittijiet fundamentali, u għalhekk għamlet sewwa li eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha li tordna riferenza kostituzzjonali. L-appellanti ma fehmux illi riferenza kostituzzjonali hija komunikazzjoni bejn żewġ qrati.

18. Kontra dak li jgħid l-attur, din il-kawża ma bdietx b'referenza kostituzzjonali taħt l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni iżda b'rikors taħt l-art. 46(1). Din il-parti tat-tweġiba hija għalhekk irrelevanti għall-meritu ta' dan l-appell.

19. Huwa minnu, iżda, illi kienet il-Qorti tal-Appell Kriminali stess li stiednet lill-attur jiftaħ il-kawża tallum:

> »Il-qorti b'riferenza għat-tieni aggravju li huwa wieħed strettament ta' natura kostituzzjonali u tad-drittijiet umani takkorda ġimgħa żmien millum lir-rikorrent appellant biex jintavola r-rikors kostituzzjonali opportun quddiem il-qorti kompetenti, li kopja tiegħu għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru ta' din il-qorti mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 5 ta' Ottubru 2007.«

20. Bla ma tidħol fil-kwistjoni jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kellhiex tqis l-aggravji taħt il-liġi ordinarja qabel ma tistieden lill-attur jiftaħ proċeduri kostituzzjonali, din il-qorti tosserva illi l-Qorti tal-Appell Kriminali tat lill-

attur żmien biex jiftaħ din il-kawża u, għalkemm ma qalitx x'kienet tagħmel li kieku l-attur ħalla dak iż-żmien igħaddi għalxejn, l-attur ma għandux ikun mistenni li jieħu r-riskju li jħalli jgħaddi inutilment terminu mogħti minn qorti.

21. Għalhekk, għalkemm tosserva illi formalment l-attur tassew ma stenniex l-eżitu tar-rimedju ordinarju qabel ma fetaħ il-kawża tallum, din il-qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi ma jkunx xieraq li tinqeda bis-setgħa li jagħtiha l-*proviso* għall-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni, aktar u aktar issa li hemm sentenza li, għalkemm mhix finali, sabet ksur ta' dritt fondamentali.

22. L-appell mis-sentenza tad-9 ta' April 2014 huwa għalhekk miċħud.

23. Ngħaddu issa għall-appell tal-konvenuti mis-sentenza tat-22 ta' Frar 2017. L-ewwel parti tal-ewwel aggravju dwar din is-sentenza (it-tieni aggravju, wara dak mis-sentenza tad-9 ta' April 2014) tgħid hekk:

> »… … … l-ewwel onorabbli qorti għamlet interpretazzjoni skorretta tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea meta iddeċidiet li ċ-ċirkostanzi tal-każ jiksru d-dritt fondamentali tar-rikorrent *ai termini* tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u ordnat il-kanċellament tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tad-19 ta' Ġunju 2007 minħabba li effetivament ma hemmx prova li n-nota tal-prosekuzzioni waslet lill-kontro-parti; liema deċiżjoni *del resto* għadha mhix *res judicata*. Illi bid-dovut rispett, l-ewwel onorabbli qorti marret *oltre* l-kompetenza tagħha peress li hija kompetenza esklużiva tal-onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali li tiddeċiedi dwar din il-lanjanza ta' natura proċedurali *stante* li kwalunkwe 'difett', jekk *se mai* jeżisti, imissu jiġi dibattut u definitivament deċiż mill-onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Dan qed jingħad anke tenut kont tal-fatt li l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha l-kompetenza li tirrevedi u tiddeċiedi dwar il-proċeduri kriminali in kwistjoni. Illi għalhekk l-esponenti appellanti jissottomettu li l-ewwel onorabbli qorti ma kinitx ġustifikata li tikkanċella s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati meta hemm appell pendenti, tenut kont tal-fatt li kwalunkwe difett, jekk jiġi pruvat a sodisfazzjoni tal-onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, għadu jista' jiġi rivedut fl-istadju tal-appell;

»Illi dan l-aspett tad-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti jippekka wkoll kontra l-prinċipju illi biex wieħed jara jekk akkużat kellux smigħ xieraq irid jara l-*iter* proċesswali kollu. Għalhekk, jekk id-difett, li fl-umli fehma tal esponenti huwa infondat, li minnu qed jilmenta r-rikorrent appellat seta *se mai* jiġi rimedjat fl-appell, dak id-difett qatt ma seta' jagħti lok għas sejbien ta' leżjoni ta' dritt fondamentali f'dak l-istadju. Huwa wkoll rilevanti li mhux kull difett proċesswali għandu jqanqal kwistjoni ta' dritt fondamentali speċjalment meta jkun għad hemm lok illi l-qorti ta' kompetenza oriġinali [*recte* ordinarja] tkun tista' tieħu konjizzjoni tiegħu u, jekk ikun il-każ, tirrimedja dak l-allegat difett il-kwistjoni tibqa' f'dak il-livell u ma ssirx kwistjoni fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali.«

24. Aktar milli argument dwar il-korrettezza tad-deċiżjoni tal-ewwel qorti, effettivament din hija ripetizzjoni, għalkemm minn angolu differenti, tal-aggravju dwar l-intempestività tal-azzjoni meta hemm pendenti l-appell kriminali bħala rimedju ordinarju.

25. Għalkemm qegħdin igħidu sew il-konvenuti dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, kienet dik il-qorti li stiednet lill-attur iġib il-kwistjoni quddiem qorti ta' kompetenza kostituzzjonali f'dan l-istadju u għalhekk ma kinitx irrazzjonali l-konklużjoni tal-attur illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kinitx sejra tqis fil-meritu aggravju li qisitu ta' kompetenza kostituzzjonali.

26. Din il-parti tal-aggravju, għalhekk, ma tistax tintlaqa'.

27. L-aggravju jkompli hekk:

»Illi l-esponenti jissottomettu wkoll li l-ewwel onorabbli qorti kienet skorretta meta iddeċidiet li ċ-ċirkostanzi tal-każ iledu d-dritt tas-smigħ xieraq tar-rikorrent *stante* li jirriżulta mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġurisdizzjoni Kriminali) tad-19 ta' Ġunju 2007 li l-istess qorti iddeċidiet il-każ wara li għarblet iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ skont il-liġi u skont il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u għalhekk ukoll ma jistax jingħad li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq u/jew li l-proċess ma kienx ġust u/jew li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzioni kienet l-unika fattur li a bażi tagħha l-istess qorti sabet ħtija fir-rigward tal-akkużi kif miġjuba fil-konfront tiegħu.

»*Inoltre*, l-esponenti jissottomettu li dwar l-allegat nuqqas ta' notifika u/jew komunika tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni, ħaġa li

l-esponenti qed jikkontestaw bil-qawwa, jirriżulta mill-atti tal-proċeduri li r-rikorrent appellat sempliċiment baqa' jispekula li allegatament ma rċeviex in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni, ħaġa li fi kwalunkwe każ seta' jilqa' għaliha billi jivverifika mal-proċess relattiv u/jew intavola n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fit-terminu mogħti lilu mill-qorti konċernata u *cioè* sal-15 ta' Mejju 2006 u/jew intavola n-nota tiegħu kontestwalment ma' rikors addirittura wara li skada t-terminu tiegħu sabiex jagħmel is-sottomissjoniiet tiegħu u dan seta' jagħmlu faċilment peress li d-data tal-imsemmija deċizjoni kienet id-19 ta' Ġunju 2007. Effettivament, l-ewwel onorabbli qorti jidher li ma tatx id-dovut piż lill-fatt li r-rikorrent appellat (id-difiża) ukoll kellu terminu mogħti lilu mill-qorti konċernata sabiex jagħmel is-sottomissjoniiet tiegħu, kif *del resto* jirriżulta mill-verbal tal-5 ta' Mejju 2006 tal-Qorti tal-Maġistrati konċernata, liema sottomissjonijiet jirriżulta li qatt ma ġew intavolati. *Inoltre*, l-esponenti jirrilevaw li r-rikorrent appellat konvenjentement silet partijiet mix-xiehda tas-Supretendent Dennis Theuma u ta' PC George Zarnmit *fuori contesto* sabiex jipprova jpinġi verżjoni ta' fatti li ma tikkombaċix mar-realtà u jispekula b'mod gratwit dwar effettivament x'ġara fir-realtà. Illi l-esponenti jissottomettu li mix-xiehda tal-imsemmija uffiċjali tal-pulizija, senjatament mill-*affidavit* dettaljat tas-Supretendent Dennis Theuma, jirrizulta ċar kif svolgew iċ-ċirkostanzi tal-każ;

»Illi għaldaqstant għandu jirriżulta lil din l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali li, *dato ma non concesso* li n-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni ma ġietx komunikata lill-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, id-dritt tas-smigħ xieraq tal-akkużat fiċ-ċirkostanzi odjerni, meta eżaminat fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kriminali migjuba fil-konfront tiegħu, ma jista' qatt jinstab li fl-imsemmda proċeduri kriminali l-akkużat ma ngħatax l-opportunità li jiddefendi l-posizzjoni tiegħu u għalhekk fl-umli fehma tal-esponenti ma jista' qatt jinstab li kien hemm xi ksur tal-prinċipju ta' smigħ xieraq fil-konfront tar-rikorrent appellat; iktar u iktar tenut kont tal-fatt li r-rikorrent appellat kellu r-rimedju li jappella l-imsemmija deċiżjoni tad-19 ta' Ġunju 2007; liema proċeduri jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminal.«

28. Fost l-elementi tad-dritt ta' smigħ xieraq hemm dak illi kull parti tkun taf mhux biss b'kull xiehda mressqa mill-parti l-oħra iżda wkoll b'kull ma hemm fl-atti u b'kull sottomissjoni magħmula mill-parti l-oħra biex ikollha l-opportunità li twieġeb għaliha.[2] Fil-każ tallum lil din il-qorti ma jidhrilhiex illi għandha titbiegħed mill-konklużjoni ta' fatt li waslet għaliha l-ewwel qorti illi l-attur ma kienx jaf bin-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni; wara kollox il-fakoltà li ssir dik in-nota ngħatat bil-kondizzjoni tan-notifika lill-parti l-oħra jew, jekk tingħata

[2] Ara *e.g.* Bulut *v.* Awstrja, Q.E.D.B. 22 ta' Frar 1996 (rik. 17358/90), para. 49.

kopja f'idejn l-avukat, dan jagħraf li ngħata l-kopja billi jiffirma fuq l-oriġinal (*visto*), u din il-kondizzjoni ma tħarsitx. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma hemm xejn xi tlum fil-konklużjoni tal-ewwel qorti li n-nota ma waslitx għand l-attur jew għand l-avukat tiegħu u għalhekk l-attur kien imċaħħad mill-fakoltà li jwieġeb. Il-fatt li l-attur ukoll kellu fakoltà jagħmel nota ta' sottomissjonijiet ma jibdel xejn minn dan: jista' jkun li deherlu li ma kienx hemm ħtieġa li jwieġeb għal dak li kien jaf bih fl-atti iżda ma għandniex nassumu li kien jibqa' bl-istess fehma li kieku kien jaf bin-nota tal-prosekuzzjoni.

29. Għandna nassumu, minflok, illi, ladarba n-nota daħlet fl-atti, il-Qorti tal-Maġistrati qisitha bħal ma qieset kull ħaġa oħra li kien hemm fl-atti biex waslet għas-sentenza. L-attur għalhekk kien imċaħħad mill-*equality of arms* li hija intrinsika fil-jedd għal smigħ xieraq.

30. Dan l-aggravju wkoll għalhekk ma jistax jintlaqa'.

31. It-tielet aggravju tal-konvenuti – it-tieni wieħed mis-sentenza tat-22 ta' Frar 2017 – jolqot ir-rimedju mogħti mill-ewwel qorti:

> »Illi t-tielet aggravju tal-esponenti jikkonsisti mill-fatt li għar-raġunijiet premessi fl-ewwel żewġ aggravji, fiċ-ċirkostanzi odjerni l-ewwel onorabbli qorti ma kinitx ġustifikata li bħala rimedju tiddikjara nulla u mingħajr effett id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija (Spettur Dennis Theuma) *v.* Christopher Cassar</u> tad-19 ta' Ġunju 2007 u tirrinvija l-atti tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-kawża terġa' tiġi deċiża mill-ġdid mill-istadju wara l-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tat-8 ta' Mejju 2006, b'dan illi jekk fl-ewwel appuntament li jerġa' jiġi ffissat mill-Qorti tal-Maġistrati ma jidhirx l-imputat jew l-avukat difensur tiegħu, il-qorti ma tkunx qiegħda tonqos jekk tgħaddi għas-sentenza jew dak in-nhar stess jew fl-ewwel differiment wara dak l-ewwel appuntament.«

32. Ma tressqet ebda raġuni oħra għal dan l-aggravju ħlief ir-raġunijiet imressqa fiż-żewġ aggravji ta' qabel u għalhekk l-aggravju għandu jiġi miċħud għall-istess raġunijiet li għalihom ġew miċħuda l-aggravji l-oħra. Barra minn hekk, din il-qorti ma tarax x'rimedju ieħor xieraq seta' ngħata fiċ-ċirkostanzi.

33. Dan l-aggravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

34. Ngħaddu issa għall-aħħar aggravju tal-konvenuti li miegħu nqisu wkoll l-aggravju tal-appell inċidentali tal-attur billi ż-żewġ aggravji jolqtu l-ispejjeż tal-kawża.

35. Il-konvenuti talbu t-tħassir tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż "għar-raġunijiet premessi fl-ewwel tliet aggravji", waqt illi l-attur fisser l-aggravju tiegħu hekk:

> »Illi ladarba rriżultat waħda mill-leżjonijiet dedotti fit-talbiet ġudizzjarji tiegħu, dan waħdu kellu jkun biżżejjed biex l-appellanti jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża fit-totalità tagħhom. Kieku r-rikorrent ma rnexxilux jipprova li kien hemm ksur ta' dritt fondamentali tiegħu kien ikollu jħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża. Isegwi li ladarba rriżulta li kien hemm leżjoni, l-intimati għandhom jiġu kkundannati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża fl-intier, u dan minkejja li l-allegata leżjoni l-oħra relatata mal-artikolu 30A tal-Kap. 101 ma rriżultatx. Jekk anki meta rikorrent jirnexxielu jipprova li kien vittma ta' leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu huwa xorta jkollu jbati l-ispejjeż tal-kawża jew xi parti minnhom, kompriż id-dritt tar-reġistru, allura dan ikollu *chilling effect* fuq kull min iħoss li jkun sofra vjolazzjoni tad-drittijiet fonda-mentali tiegħu, u jbiegħdu milli jippreżenta proċeduri kostituzzjonali.«

36. L-art. 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk dwar l-ispejjeż ġudizzjarji:

> »**223.** (3) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, … … …«

37. F'dan il-każ tallum kull parti kienet "telliefa f'xi punt tal-kawża": l-attur fil-parti dwar l-art. 30A tal-Kap. 101 u l-konvenuti fil-parti dwar in-nuqqas ta' notifika tan-nota ta' sottomisjonijiet. Id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li l-ispejjeż tal-ewwel grad jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet kienet għalhekk korretta, ħlief illi għandu jiġi preċiżat illi, għal raġunijiet ovvji, l-ispejjeż tal-Prim'Ministru, li kien imħarrek għalxejn u ġie għalhekk meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju, għandu jħallashom l-attur.

38. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss illi l-ispejjeż tal-Prim'Ministru jħallashom l-attur u l-ispejjeż l-oħra tal-ewwel grad iħallas nofshom l-attur u jħallsu nofshom l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija; tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

39. L-ispejjeż tal-appell tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija jħallsuhom l-istess appellanti; l-ispejjeż tal-appell inċidentali jħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb